

Brussell, 19 ta' Jannar 2024
(OR. en)

5507/24

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0420 (COD)

TRANS 14
RELEX 51

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Ftehim ta' livell għoli bejn l-UE u n-Norveġja għall-adattament tal-mapep indikattivi tan-network tal-infrastruttura tat-trasport kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (Regolament TEN-T) - Awtorizzazzjoni biex jiġi nneozjat strument mhux vinkolanti

1. Fit-12 ta' Jannar 2024, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks ġie infurmat mill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tibda negozjati dwar ftehim ta' livell għoli bejn l-UE u n-Norveġja dwar l-adattament tal-mapep indikattivi tan-network tal-infrastruttura tat-trasport kif stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 (Regolament TEN-T).
2. Il-modifiki ppjanati jikkonċernaw mapep indikattivi relatati mal-infrastruttura tat-trasport bit-triq u mal-lista ta' portijiet u ajruporti rrapportati fuq il-mapep indikattivi tat-TEN-T.
3. Il-Kummissjoni ppreżentat in-nota tagħha¹ u l-intenzjoni tagħha dwar dan is-suġġett lill-Grupp ta' Ħidma fit-12 ta' Jannar 2024. L-ebda delegazzjoni ma qajmet xi oġġezzjoni biex tingħata l-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni biex tibda n-negozjati.

¹ 5232/24

4. Barra minn hekk, huwa mifhum li l-Kummissjoni ser tikkonsulta lill-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex tikseb l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għall-iffirmar tal-ftehim ta' livell għoli fisem l-UE.

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja l-ftehim ta' livell għoli msemmi hawn fuq man-Norveġja.
